KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Disgħa u Ħamsin (59)***

***It-Tnejn, 13 ta' Marzu, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**59.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

59.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

59.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 58 li nżammet nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023.

59.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 58 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

59.2.3 **Mozzjoni 59-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 58.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 58 ġew approvati unanimament.

**59.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 59(08) – Marzu 2023*

59.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 59(08) permezz cheque numru 7212 u 7213 (ref. 10681 u 10682) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10704 sa 10739 li jammontaw €32,826.25

59.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kont ta' €150 għal xi refreshments li ingħataw fil-ġranet tal-Karnival ta' din is-sena.

59.3.3 Tressqu ukoll il-kontijiet pendenti lill-Għaqda Mużikali Santa Marija tal-armar tal-Milied u s-siġra, li jammonta għal €950, is-servizzi li ingħataw fil-Karnival li jammontaw għal €1000 u servizz ta' armar ta' arbli u dawl għall-Halloween li jammonta għal €400. Tressqu ukoll il-kontijiet pendenti ta' Għaqda Mużikali San Ġużepp għal-ħlas tat-tiżjin tal-Milied għas-sena 2021, 2022, u l-Karnival 2023 li jammontaw għal €600, €950, u €1000 rispettivament.

59.3.4 Tressaq ukoll il-ħlas tal-ġurija għall-Karnival ta' din is-sena. L-ispiża hija ta' €270 għall-4 ġurija fi 3 serati.

59.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll il-ħlasijiet pendenti tal-Perit rigward il-proġett ta' Santu Rokku. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitħallas iżda jintalab jghaddi l-informazzjoni kollha sabiex tiġi mgħoddija l-Perit il-ġdid.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Andreas Gatt (18:30)*

59.3.6 **Mozzjoni 59-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 59(08) bl-ammont ta' €32,826.25 kif ukoll miżjuda materja numru 59.3.2, 59.3.3, 59.3.4 u 59.3.5

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 59(08) ġiet approvata unanimament.

59.3.7 Is-Sindku Darren Abela qal li l-ħlasijiet tal-Karnival saru kważi kollha u xtaq jieħu l-opportunita' sabiex jirringrazzja l-kull min taha sehmu u ħadem bis-sħiħ sabiex l-attivitajiet tal-Karnival għal din is-sena jerġgħu ikunu ta' suċċess.

**59.4 <u>Jum Ħal Għaxaq</u>**

59.4.1 Is-Sindku Darren Abela fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Għaxaq huwa xieraq li ssir attivita' fi Ġnien il-Kunsill, li se jissemma għall-mibki s-Sur Emanuel Vassallo, nhar is-Sibt 29 ta' April 2023 għall-ħabta tas-6pm. Dakinhar għandu jsir programm b'diversi diskorsi ta' introduzzjoni. Wara jinġieb il-grupp tal-Folklor sabiex joffri ftit divertiment lill-mistiedna. Wara jsiru l-Preżentazzjonijiet ta' Mementos, Premjijiet u jsir ukoll xi tħawwil ta' siġar. Dwar dan il-programm il-Kunsill qabel.

59.4.2 Is-Sindku Darren Abela kompla billi qal li Il-Ħadd 30th April 2023 issir il-Quddiesa fil-Knisja fid-9am u wara jsir it-Tberik tal-Annimali fl-10:30am

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, il-Kunsillier Andreas Gatt talab li jkun skużat (7pm)*

**59.5 <u>Pavimentar Sqaqin</u>**

59.5.1 Is-Sindku Darren Abela fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li tkellem ma Infrastructure Malta u infurmawh li jistgħu jassistu lill-Kunsill fit-tqegħid tal-Pavimentar u jiġu mgħoddija s-servizzi kollha għall-taħt il-pavimentar. Il-Kunsill joħroġ tender biex jinxtara l-materjal.

59.5.2 B'dan l-arranġament il-Kunsill jista' jitlob lill-LESA sabiex bil-fondi li ingħatajna nixtru biss il-materjal u b'hekk inkunu nistgħu inżidu ukoll żewġ sqaqin oħra. Is-sodda, is-servizzi u t-tqegħid isir minn Infrastructure Malta. Dwar dan il-Kunsill qabel.

Fondi tal-Lesa nitolbu li l-fondi jinghataw ghall-materjal u tqeghid. U nzidu 2 sqaqin ohra.

59.5.3 Il-Kunsill iddiskuta ukoll li bħala materjal għandu jintuża' porfido ta' qies bejn 30-45mm. Il-Kulur jiġi deċiż wara iżda fit-tender jintalbu samples b'kuluri differenti. Dwar dan il-Kunsill qabel ukoll.

**59.6 Korrispondenza**

59.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar l-invoice tal-iskart li l-Kunsill irċieva għax-xahar ta' Jannar 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni taċ-Ċirkulari Numru 5/2023 dwar Linji Gwida dwar il-Proċess ta' Ħlas u Rimbors. Il-Kunsill qed jintalab iħallas is-servizz tal-iskart imħallat, tipping Fees tal-iskart organiku, mixed, riċiklat u ħġieġ. L-iskart organiku se jitħallas mir-Reġjun u l-Wasteserv se tirrifondi lura dan il-ħlas biex jingħata lill-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet ukoll l-attenzjoni li fiċ-Ċirkolari ġejna infurmati ukoll li mit-tieni, t-tielet u r-raba' tranche tal-allokazzjoni tal-Kunsill relatat mal-iskart se jittieħed 70% u tiġi mgħoddija lir-Reġjun minħabba cashflow. Il-Kunsill qabel li jikkonferma din l-informazzjoni kollha. F'każ li l-informazzjoni tajba, l-Kunsill irid jiddiskuti sewwa din il-materja minħabba li l-Kunsill mhux se jifdallu biżżejjed flus allokati biex isir dan għal sena sħiħa.

59.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet ukoll dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir ta' skart riċiklabbli kummerċjali. Bħal ma ġie nnutat ħafna ħwienet għadhom qed joħorġu dan it-tip ta' skart li mhux qed jinġabar mill-kuntrattur tar-Reġjun għaldaqstant dan qed jibqa barra għall-inkonvenjenza ta' diversi residenti. F'dan l-istadju, il-Kunsill qabel li jibgħat avviż ieħor lill-ħwienet dwar din is-sitwazzjoniu nitolbuhom biex jekk għandhom xi diffikulta' sabiex jarmu dan il-materjal b'mod privat, jagħmlu kuntatt mal-Kunsill sabiex jiġu gwidati x'jista' jsir.

59.6.3 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar ġbir ta' Skart fil-ġranet tal-Festi. Il-Kunsill qabel li tintbagħat l-informazzjoni kollha tas-servizzi li kienu jiġu pprovduti fi snin preċedenti u nistennew direzzjoni x'se jsir fil-festi li ġejjin.

59.6.4 Tressqet korrispondenza oħra mingħand ir-Reġjun dwar għajnuna mill-Kunsill biex residenti jattendu l-attivitajiet f'Marsaxlokk u ż-Żejtun. L-għajnuna tista' tingħata billi l-Kunsill jipprovdi servizz tat-trasport. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

59.6.5 Tressqet kwotazzjoni għall-servizz ta' dawl għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. L-ispiża hija ta' €300 mingħajr Vat. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni. Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li nġibu stima għal dawl vjola fil-Pjazza biex tinħoloq iktar atmosfera għall-attivita'. Il-Kunsill qabel li jġib stima.

59.6.6 Tressqet korrispondenza mingħand The Malta Independent fejn qed isaqsu l-Kunsill għandux xi postijiet fejn il-Kunsill jaf li hemm xi squatters. Il-Kunsill ma jafx b'postijiet bħal dawn.

59.6.7 Wara li l-Kunsill talab lill-Perit sabiex jagħmel disinn għal Triq iċ-Ċimiterju, il-Perit talab biex isir survey, bi kwotazzjoni ta' €649. Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li jinġiebu iktar kwotazzjonijiet.

59.6.8 Tressqet korrispondenza dwar talba biex jibda l-proċess biex il-Kunsill japplika għall-Monument tal-Familja. Wara diskussjoni żgħira mill-membri preżenti, il-Vici Sindku Christine Dalli sostniet li hi se tibqa' żżomm il-pożizzjoni tagħha li l-monument propost mhux inklussiv. Il-Membri l-oħra qablu li tiġi sottomessa l-applikazzjoni iżda l-isem tal-Monument għandu jsir 'Monument Familja Tradizzjonali'.

59.6.8 Tressqet talba għall-permess sabiex issir trinka fi Vjal il-Labour fejn it-triq se tkun magħluqa għal jumejn. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur jistax jagħmel ix-xogħlijiet il-ġimgħa ta' wara minħabba li f'dik il-ġimgħa jkun hawn il-Purċissjonijiet kemm tad-Duluri u anki tal-Ġimgħa l-Kbira. F'każ li ma jistax ibiddel id-data, il-kuntrattur għandu jiġi mitlub jikkonferma li ha jlesti f'jumejn u li wara jsir tindif bil-bowser.

59.6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-possibilita' li l-Kunsill jżomm depożitu' sabiex jekk isiru xi ħsarat fit-triq, il-Kunsill ikun kopert. Il-Kunsill qabel li għal-permessi ta' kostruzzjoni biss għandu jintalab depożitu ta' Eur100 li dan jingħata lura lill-applikant wara li jsiru x-xogħlijiet u t-triq titħalla' fl-istat oriġinali.

59.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ser issir laqgħa mal-WSC dwar proġett maġġuri li se jaffetwa r-raħal tagħna. Is-Sindku qal li se jkun indispost għaldaqstant se nitolbu tistax issir laqgħa oħra f'ġurnata oħra. F'każ li ma jkunx jista', is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tattendi għan-nom tas-Sindku.

**59.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

59.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-ħsieb biex għall-Karnival tat-Tfal tas-sena d-dieħla issir backdrop għal waqt l-attivita'. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-aħjar niddiskutuha iktar 'il quddiem sabiex qabel niddeċiedu sewwa dwar il-logos.

59.7.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex il-Bust ta' Wenzu Dalli jitnaddaf u jiġi restawrat. Il-Kunsill qabel li jara min jista' jiġi jnaddfu u filkaż tinġieb stima.

59.7.3 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li se ssir laqgħa dwar il-proġett tal-Barrani u se ninfurmaw meta se ssir għal min irid jattendi.

59.7.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jinxtara ktieb tal-Ġimgħa l-Kbira li inħareġ mir-Reġjun. Il-Kunsill qabel li jixtri 6 kopji.

**59.8 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

59.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li għad hemm xi bozzoz fi Ġnien il-Kunsill li mhux jixgħelu sabiex inkellmu l-kuntrattur.

59.8.2 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix minn fejn il-post tan-Nar ta' San Ġuzepp kif ukoll Sqaq ieħor fir-rurali. Se jintbagħtu l-ħaddiema.

**59.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

59.9.1 Annessi mal-Minuti

**59.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

59.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 3 ta' April 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 59**

**Mozzjoni Ref:** 59-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 58

______________________ ______________________

**Proponent** **Sekondant**

---

**Data:** 13 ta' Marzu 2023

________________________

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 59**

**Mozzjoni Ref:** 59-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagament Nru 59/08

**Proponent** | **Sekondant**

**Data:** 13 ta' Marzu 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**